# Xi tagħrif fuq Ħal Lija mill-ewwel snin tas-seklu dsatax



Dr George Cassar

Sors interessanti minfejn wieħed jista' jiġbor tagħrif dwar xi post jew lokalità f'xi żmien partikulari huma l-kotba li nkitbu minn barranin bħala għajnuna għall-viżitaturi li riedu jiġu Malta u jduru dawra biex jaraw din x'kienet toffri. Dawn it-turisti bikrin li kienu jaslu Malta ġeneralment bil-vapur tal-istim, ma kienu jkunu jafu xejn fuq din il-gżira tagħna u bil-ktieb f'idejhom kien ikollhom gwida tajba li tindikalhom fejn setgħu jmorru, kif, u x'kien hemm li ta' min jara f'kull post li jżuru.

L-ewwel ktieb li se niflu f'din il-ktiba qasira hu *A Handbook or Guide, for Strangers Visiting Malta* ta' Thomas MacGill, li ġie ppubblikat fl-1839. MacGill dar dawra tajba ma' Malta u barra l-laqtiet fuq ix-xogħlijiet, użanzi u l-popolazzjoni, mar dawra mal-ibliet u l-irħula ta' Malta u Għawdex. Minħabba li l-kitba tal-lum se tidher fi ktieb marbut ma' Ħal Lija se naraw x'kellu xi jgħid MacGill fuq dan ir-raħal fl-ewwel snin tal-ħakma Ingliża fuq Malta.[1]

Lill-viżitatur jgħidlu li r-raħal żgħir ta' Ħal Balzan hu maqgħud mar-raħal sabiħ ta' Ħal Lija. MacGill jispjega li, minħabba li Ħal Lija hu viċin tal-Palazza ta' San Anton – li hu jsejjaħlu l-palazz tal-Prinċep għax fiż-żmien kien jgħix fih il-Gran Mastru – ħafna nobbli



Il-knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija

primi tal-gżira, kif ukoll nies sinjuri oħra, kellhom djar f'dan ir-raħal.

Isemmi b'mod partikulari Villa Preziosi, li hu jsejħila residenza li tispikka, u dan mhux biss għax hi dar sabiħa imma wkoll għall-ġonna sbieħ li għandha. Din il-Villa fiż-żmien li kien qed jikteb l-awtur kien jgħix fiha ċertu Dott. Waugh, tabib li wara li għamel fortuna permezz tal-professjoni tiegħu li permezz tagħha kkura tant residenti ta' din il-gżira, issa kien irtira hawnhekk biex igawdi l-frott ta' ħidmietu. Dan il-mistrieħ sejjaħlu *otium cum dignitatem* – għażż dinjituż.

Dwar il-ġonna ta' Ħal Lija, MacGill jinforma l-qarrejja li dawn kienu jagħmlu l-itjeb larinġ ta' Malta. Jgħid fl-aħħar li it-triq li tgħaddi minn dan ir-raħal twasslek għal San Anton, il-Mosta u n-Naxxar.

Ktieb ieħor li jagħti deskrizzjoni ta' Ħal Lija hu dak miktub minn Giuseppe Pericciuoli Borzesi. Jismu *The Historical Guide to the Island of Malta & its Dependences* u kien ħareġ fl-1830.[2] L-awtur kien Taljan minn Siena imma l-ktieb tiegħu hu bil-lingwa Ingliża. Bħal ta' qablu, din il-pubblikazzjoni ddur dawra mal-irħula u l-ibliet Maltin imma se nieqfu fuq dak li kellha xi tgħid fuq Ħal Lija. Ma ninsewx li l-kitba hi tal-istess epoka, jiġifieri tal-bidu tas-seklu dsatax, u għalhekk nistgħu naraw kemm kienu qablu jew le l-awturi fuq Ħal Lija li kienu qed jarawha fl-istess żminijiet. Borzesi jibda billi jgħid lill-qarrej li Ħal Lija kien raħal attraenti u popolat, b'arja nadifa u ta' benefiċċju għas-saħħa. Id-dehra tal-knisja tar-raħal kienet deskritta bħala waħda pjuttost maestuża. Il-pittura tat-Trasfigurazzjoni ta' Kristu, li tinstab f'din il-knisja, kompla jirrakkonta Borzesi, jgħidilna li kienet xogħol il-Kavallier Calabriż mingħajr ma jsemmi ismu – Mattia Preti.



Villa Preziosi

Meta jitkellem fuq it-toroq ta' Ħal Lija, l-awtur jiddeskrivihom bħala attraenti u li lin-nies jiġbudhom ħafna. Fost il-bini f'dan l-ambjent, Borzesi jsemmi żewġ siti partikulari – Villa Preziosi u l-Palazz ta' San Anton. Dwar Villa Preziosi – li ssemmiet ukoll mill-awtur ta' qablu, MacGill – hu jgħid li l-palazz ta' din il-Villa hu xhieda ta' sengħa arkitettonika kbira u jinnota li l-ġnien hu miżmum b'reqqa kbira. Borzesi jiddeskrivih bħala wieħed li jixbah sa ċertu punt il-ġnien tat-Toscana. Fi żmien li kien qed jikteb Borzesi, il-Villa kienet okkupata mis-Sur Mackenzie, id-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi ta' Malta. Jgħidilna li dan l-uffiċjal żejjen il-kmamar ta' dan il-bini bi kwadri sbieħ, u jiffoka b'mod

speċjali fuq pittura li tirrapprezenta lil Santa Ċeċilja li hu jiddeskrivih bħala wieħed mill-aktar eċċellenti li kienu jinstabu f'Malta f'dak iż-żmien.


Il-palazz ta' San Anton

Bħala l-aħħar waqfa għall-viżitatur li jkun qed iħalli Ħal Lija, Borzesi jagħżel il-Palazz ta' San Anton, li hu jsejjaħlu wieħed mill-aktar ġonna sbieħ, mimli fjuri u frott ta' kull xorta. Ikompli jgħid li l-ilmijiet, il-kanali u l-gwiefen (speċi ta' gandotti għall-passaġġ tal-ilma), flimkien ma' laqtiet oħra, jagħtu dehra mill-aktar sabiħa lil dan il-ġnien. Mill-banda l-oħra, il-palazz innifu hu mill-isbaħ. San Anton, fil-qasir – kif kienu jsibuh anki dak iż-żmien – kien ir-residenza tal-kampanja tal-Gvernatur ta' Malta, u jenfasizza Borzesi, m'hemmx vjaġġatur li jiġi Malta u ma jmurx iżur dan il-post.

Mill-Palazz tal-Gvernatur l-awtur iħeġġeġ lill-qarrej biex jaqbad it-triq il-kbira li tgħaddi minn San Giuseppe (illum Santa Venera u l-Ħamrun) u tibqa' sejra l-Belt Valletta.

**Referenzi**

[1] Thomas MacGill, *A Handbook or Guide, for Stangers Visiting Malta* (Malta, 1839), 119-120.

[2] Giuseppe Pericciuoli Borzesi, *The Historical Guide to the Island of Malta & its Dependences* (Malta, 1830), 69-71.

R M S

*Għal kull xogħol ta' bankini, paving, trinek, twittija ta' konkos u landscaping*

ROAD MAINTENANCE SERVICES LTD.

Triq G. Ghio, Żejtun
Phone: J. Desira
Tel: **2166 1819** • Mob: **7986 1201**